MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 371/2006

**L-Avukat Louis Vella, I.D. 145346M, f'ismu proprju u f'isem ohtu assenti Josephine mart Sidney Cass u b'Digriet tat-12 ta' Mejju 2009 assuma l-atti ukoll f'isem l-assenti ohtu Matilde mart Walter Simler, Frederick Vella u b'
Digriet ta' l-4 ta' Mejju 2009 wara l-mewt ta' Frederick Vella (7.10.08) l-atti gew trasfuzi f'isem martu Maria Vella neè Catalano bhala usufruttwarja tal-proprjeta kollha tieghu u f'isem l-erbgha uliedu Marcella Grech mart Carmel, Tabib Dr. Valerio Vella sive Vella Catalano, Adriana Vella mart Joseph u Federica bhala eredi tieghu, u Marie Therese mart Francis Xavier Fenech, ahwa Vella, u Psikjatra Joseph, Anna mart it-Tabib Raymond Fenech, Perit Godfrey, Tabib Denis, Mark u Avukat Robert, ahwa Vella Baldacchino**

**Vs**

**Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Novembru 2006 permezz ta' liema jitolbu l-kundanna tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali ghall-hlas, in liena ta' danni, tas-somma ta' elf sitt mija sitta u disghin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmi (Lm1,696.87), [illum ekwivalenti ghal tlett elef disa' mija tnejn u hamsin Euro u erbgha u sittin centezmu - €3952.64] rapprezentanti spejjez zejda ta' l-appell procedurali fil-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili Citazzjoni numru 1219/91GC, liema spejjez gew minnhom inkorsi unikament tort tat-traskuragni grossolana tal-konvenut meta naqas mid-dmir impost fuqu mill-ligi li jdahhal fil-process in-nota ta' kritika taghhom ghar-rapport peritali qabel il-kawza giet deciza fil-meritu. Bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2004 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-istess imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut.

Rat ir-Risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali permezz ta' liema eccepixxa: (a) illi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali kif indikat fl-att promotur ma jezistix u ilu ma jezistix mit-30 ta' Marzu 2004, u dana kif ahjar deskritt fl-Avviz Legali 139 tas-sena 2004; (b) illi l-att promotur huwa monk *ab initio* stante li ma jonorax ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 176 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; (c) illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta bit-trapass tas-sentejn; (d) illi t-talba kif dedotta ma ghandhiex tirrizulta kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante li l-atturi kellhom il-mezzi kollha sabiex jirrimedjaw ghal kwalsiasi nuqqas illi huma jilmentaw minnu, liema rimedju inghata lilhom b'mod straordinarju mill-Qorti ta' l-Appell izda huma ma hadux vantagg minn tali rimedju peress li naqsu milli jkomplu jsegwu l-kawza taghhom fl-appell u ghalhekk giet dikjarata dezerta; (e) illi l-azzjoni attrici qatt ma messha giet mnieda stante illi l-atturi kienu inghataw ir-rimedji kollha necessarji u qeghdin issa jittentaw illi jirkupraw minghand l-Awtoritajiet tal-Qorti l-ispejjez minnhom inkorsi fil-kawza li, kemm il-Perit imqabbad mill-Prim' Awla, kif ukoll il-Periti Perizjuri u l-

Prim’ Awla stess, kienu qatghu kontra taghhom, u ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha tigi dikjarata bhala frivola u vessatorja u jigu imposti fuq l-atturi l-penalitajiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A li tinsab fi Skeda A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-Rikors ta’ l-atturi sabiex l-attur Avukat Dottor Louis Vella jassumi l-atti tal-kawza f’isem ohtu l-assenti Matilde Simler u rat id-Digriet Taghha tat-12 ta’ Mejju 2009 permezz ta’ liema giet milqugha din it-talba;

Rat ir-Rikors ta’ l-atturi sabiex stante l-mewt ta’ Frederick Catalano l-atti jigu trasfuzi f’isem Maria Vella neè Catalano armla ta’ Frederick bhala usufruttwarja tal-proprjetà kollha tieghu u f’isem l-erba’ uliedu Marcella Grech mart Carmel, Tabib Dr. Valerio Vella sive Vella Catalano, Adriana Vella mart Joseph u Federica, bhala eredi universali tieghu, u rat id-Digriet Taghha ta’ l-4 ta’ Mejju 2009 permezz ta’ liema giet milqugha din it-talba;

Rat id-Digriet Taghha datat 12 ta’ Mejju 2009 permezz ta’ liema ordnat il-kancellament tal-kliem fl-okkju tal-kawza fis-sens li wara l-isem “Frederick Vella” jigu kancellati il-kliem “f’ismu proprju u f’isem ohtu assenti, Matilde mart Walter Simler”.

Rat ix-xhieda moghtija mill-attur l-Avukat Dottor Louis Vella waqt is-seduti tad-19 ta’ Frar 2008, 11 ta’ Marzu 2008 u tas-27 ta’ Jannar 2009 u d-dokumenti minnu esebiti fosthom, it-taxxa relattiva ghall-ispejjez giudizzjarji in konnessjoni mal-kawza fl-ismijiet “Av. Dr. Louis Vella et noe v. Joseph Gatt” Citaz. Nru. 1219/91GC li marret dezerta fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru 2004, Dok. “LV” a fol. 37 sa’ 39 tal-process, fotokopja tas-sentenza fl-ismijiet “Av. Dr. Louis Vella et noe v. Joseph Gatt” Citaz. Nru. 1219/91 pronuncjata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Dicembru 2002 a fol. 41 sa’ 50 tal-process, *breakdown* ta’ l-ammont mitlub in linea ta’ danni bl-azzjoni odjerna, Dok. “ABC” a fol. 70 tal-process, kopja legali tac-Cedola ta’ Depozitu bin-Numru 388/06 fl-ismijiet “Av. Dr. Louis Vella et noe v. Joseph Gatt” flimkien ma’ dokumenti annessi, Dok. “CD” a fol. 106 sa’ 109 tal-process u kopja

legali ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 2009, Dok. "IU" a fol. 112 sa' 113 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ossia, kopja fotostatika tal-porcess kollu ta' l-Appell fl-ismijiet "Av. Dr. Louis Vella et noe v. Joseph Gatt et" Citaz. Nru. 1219/91, Dok. REG1 a fol. 72 sa' 89 tal-process u kopja fotostatika tal-process kollu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili minn meta l-atti gew rinvijati sad-data illi l-kawza thalliet *sine die*, Dok. REG2 a fol. 90 sa' 103 tal-process.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-ewwel zewg punti li ghandhom jigu trattati f'din is-sentenza huma dawk sollevati mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bl-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu ossia li: (i) ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju billi r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali kif indikat fl-att promotur ma jezistix u ilu ma jezistix sa' mit-30 ta' Marzu 2004 a tenur ta' l-Avviz Legali 139/04; u li (ii) l-att promotur huwa monk *ab initio* ghaliex ma jonorax ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 176 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-Avviz Legali 139/04 dahhlu fis-sehh, b'effett mit-30 ta' Marzu 2004, ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Procedura Civili (Regolament tar-Registri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qrati u ta' Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti Ohra).

Fost diversi affarijiet ohra dawn ir-Regolamenti jipprovdu li *ghandu jibqa' jkun hemm f'Malta divizjoni tal-gvern msejha "Divizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja" li jkollha bhala kap taghha d-Direttur Generali tal-Qrati*[1]*.* Salv ghal dak provdut fir-Regolament 3(2) *id-Direttur Generali tal-Qrati ghandu jkun assistit fit-twettiq tal-funzjonijiet tieghu taht*

[1] Regolament 3(1).

*subregolament (3) ta' dan ir-regolament: (a) mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li ghandu jwettaq id-dmirijiet ta' Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali; (b) mid-Direttur, Servizzi Legali li jkun fdat bl-ghoti ta' Servizzi Legali lid-Divizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja; (c) mid-Direttur, Finanzi u Amministrazzjoni li jkun responsabbli ghas-servizzi amministrattivi u korporattivi tad-Divizjoni tal-Qrati tal-Gustizzja*[2].

A tenur tar-Regolament 5 il-Qrati u Tribunali elenkati fil-paragrafi (a) sa' (m) tar-Regolament 5(3) ghandu jkollhom registru wiehed imsejjah "Registru tal-Qrati Civili u Tribunali, Malta" li jkun kompetenti jircievi kull att giudizzjarju, att bil-miktub u dokumenti ohra li skond kull ligi ghandhom jigu prezentati fir-Registru tal-Qrati u Tribunali hemm elenkati[3].

***Ir-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ta' Malta ghandu jkun taht il-kontroll tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali***[4] u r-Registratur ghandu jkollu d-direzzjoni u jkun responsabbli ghar-Registru fdat lilu. Ghandu jesegwixxi d-dmirijiet legali tieghu skond il-ligi u ma ghandu, fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet legali tieghu taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew taht kull ligi ohra, jagixxi taht id-direzzjoni ta' ebda persuna jew awtorità hlief ghad-direzzjonijiet li jistghu jinghatawlu mill-Qrati jew Tribunal skond il-Ligi[5]. Fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi tieghu, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jirrapporta lil u jkun responsabbli lejn id-Direttur Generali tal-Qrati[6].

A tenur tar-Regolament 8 *kemm-il darba ma jigix stabbilit xort' ohra bil-ligi, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali u r-Registratur Qrati u Tribunali f'Ghawdex ghandhom jesegwixxu d-dmirijiet taghhom jew personalment jew tramiti Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti*, liema Ufficjali Ezekuttivi tal-Qorti jinsabu elenkati fis-subregolament 2 ta' l-imsemmi Regolament 8.

---

[2] Regolament 3(4).
[3] Regolament 5(3).
[4] Regolament 7(1). Enfasi tal-Qorti.
[5] Regolament 7(3).
[6] Regolament 7(5).

Minn dawn ir-Regolamenti ghalhekk johrog car li kontra dak pretiz mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, il-figura tar-Registratur, Qrati Civli u Tribunali ghadha tezisti fis-sistema legali nostrali u huwa proprju r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li ghandu l-kontroll tar-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ta' Malta, u b'hekk huwa responsabbli minn dak li jigri f'tali Registru.

Huwa minnu li a tenur tar-Regolament 3(4) id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jwettaq id-dmirijiet ta' Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali izda b'daqshekk ma jfissirx li l-figura tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali bid-dmirijiet u responsabilitajiet li ggib maghha, giet imnehhija mis-sistema legali taghna. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-Regolament 3(4) semplicement ifisser li l-persuna appuntata bhala Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandha twettaq ukoll id-dmirijiet tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali izda, iz-zewg figuri ta' Direttur, Qrati Civili u Tribunali u Registratur, Qrati Civili u Tribunali, bid-dmirijiet u responsabilijiet rispettivi taghhom, jibqghu ben distinti bejniethom.

Tant qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Legislatur li l-figura tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali titnehha mis-sistema legali nostrali li fl-istess imsemmija Regolamenti ma ipprovdiex li r-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali ta' Malta jaqa' taht il-kontroll tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali u li huwa d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li huwa responsabbli ghal tali Registru, izda pprovda li l-imsemmi Registru jaqa' taht il-kontroll tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali u huwa r-Registratur li huwa responsabbli ghar-Registru fdat lilu.

Ma hemm ebda dubju li kemm-il darba kienet l-intenzjoni tal-Legislatur li l-figura tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali titnehha mis-sistema guridika nostrali din in-nomenklatura la kienet tiffigura fir-Regolamenti imsemmija u lanqas fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Minn dan kollu ghalhekk jirrizulta li kemm-il darba att giudizzjarju pprezentat fir-Registru tal-Qrati Civili u

Tribunali tal-Malta ma jigix debitament inserit fil-process relattiv, bhalma gara fil-kaz in ezami, ghal tali nuqqas ghandu jirrispondi r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali bhala, kif previst fl-imsemmija Regolamenti, il-figura responsabbli mir-Registru imsemmi.

Ghalhekk, ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali huwa l-legittimu kontradittur ta' l-atturi fil-proceduri odjerni u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali qed tigi michuda.

In verità ghandu jinghad li n-nomenklatura ezatta ghar-Registratur ma hijiex ir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali kif indikat mill-atturi fir-Rikors promotur izda hija Registratur, Qrati Civili u Tribunali. Mandanakollu l-Qorti ma tqisx li ghal daqshekk biss il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju izda dan l-izball jista' jigi Minnha korrett a tenur ta' l-Artikolu 175(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – *il-Qorti tista', sa' dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'atti gudizzjarju.*

Il-Qorti ghalhekk qed tordna korrezzjoni fis-sens illi kull fejn fl-atti processwali jidhru l-kliem "Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali" dawn jigu sostitwiti bil-kliem "Registratur, Qrati Civili u Tribunali".

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.
It-tieni eccezzjoni ghat-talbiet attrici hija fis-sens li l-att promotur huwa monk *ab initio* stante li ma jonorax ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 176 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li (1) *l-iskritturi ghandhom ikunu stampati, miktuba bit-typewriter jew miktuba bil-linka: Izda f'kull kaz ghandhom jinkitbu b'karattri cari u leggibbli facilment, minghajr spazji vojta, kliem interlineari, abbrevjazzjonijiet jew thassir, u, hlief bl-awtorità miktuba tar-registratur moghtija qabel il-prezentata ta' l-att, minghajr korrezzjonijiet, tibdil jew*

*zidiet.* (2) *Kull kwantità, somma jew kejl ghandha, ghall-anqas fejn tidher l-ewwel darba fl-iskrittura, tigi miktuba bi kliem.* (3) *Il-kopji tat-talbiet, kif kien ikun mehtieg ghan-notifika taghhom, ghandhom ikunu ffirmati mill-istess persuni bhall-originali*.

Minn semplici qari tar-Rikors promotur jirrizulta li dan gie miktub bil-linka b'karattri cari u leggibbli facilment, tant illi l-meritu ta' l-azzjoni attrici jirrizulta ferm car mill-korp ta' dan ir-Rikors. In oltre t-tibdiliet u zidiet effettwati lir-Rikors saru bl-awtorità miktuba tar-Registratur u fejn it-talbiet ghal tibdiliet jew zidiet fl-istess Rikors saru fil-mori tal-proceduri, dawn gew effettwati bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti. Barra minhekk fejn fl-istess Rikors tissemma somma flus, senjatament il-*quantum* tad-danni pretizi mill-atturi, din is-somma giet indikata kemm bil-miktub kif ukoll f'figura.

Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif ir-Rikors promotur ipprezentat mill-atturi huwa monk *ab initio* ghaliex ma jonorax ir-rekwiziti stabbiliti fl-Artikolu 176 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq appena citat, kif pretiz mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni sollevata mid-Diretttur, Qrati Civili u Tribunali qed tigi michuda wkoll.

Trattati dawn iz-zewg eccezzjonijiet jehtieg issa tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn*.

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali jikkontendi li l-azzjoni attrici, illi giet ipprezentata fid-29 ta' Novembru 2006, hija preskritta ghaliex giet intavolata wara li ddekorra t-terminu ta' sentejn stabbilit fil-Ligi ghal azzjonijiet ghad-danni *ex delicto*.

Huwa jibbaza din is-sottomissjoni fuq l-affermazzjoni li t-terminu biex l-atturi jintavolaw proceduri ghad-danni beda jiddekorri mit-12 ta’ April 2002 ossia, mid-data tas-sentenza pronuncjata mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza “Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt” Citaz. Nru. 1219/91, u dana ghaliex, skond hu, jekk sar xi haga li kkawza danni lill-atturi dana sehh fil-mument li giet pronunzjata dik is-sentenza.

Fil-fehma tal-Qorti, sabiex tigi determinata din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieg jigi applikat il-principju enuncjat fl-Artikolu 2137 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ossia li *l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*.

Kif osservat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Grech et pro et noe v. Stefan Borg, Citaz. Nru. 2165/00JRM** deciza fl-14 ta’ Gunju 2001, meta l-preskrizzjoni invokata mill-konvenut hija wahda estintiva ta’ l-azzjoni attrici *jidhol fis-sehh il-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tigi mibdija l-azzjoni meqjusa biex thares dak id-dritt. Dan il-principju huwa mibni fuq il-massima li actioni non natae non praescribitur. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jghallmu li: “Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso cominica in principio a partire dal giorno in cui è nato il diritto o l’azione che è destinata ad estinguere … (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII Par. 364 pag.279). Izjed ‘il quddiem izidu jghidu illi “La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell’evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale” (op. Cit. Par. 393bis, pag. 306).*

Fil-kaz in ezami tnissel fl-atturi d-dritt li jipprocedu b’azzjoni ghad-danni fil-konfront tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali mhux fit-12 ta’ April 2002 ossia, meta l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ppronuncjat is-sentenza Taghha izda, fis-**6 ta’ Dicembru 2002** meta l-Qorti ta’ l-Appell bis-sahha ta’ sentenza Taghha rrevokat s-sentenza tal-Prim’

Istanza ghaliex *n-nota ta' kritika pprezentata mill-appellanti fit-8 ta' Jannar, 2002 ma ngibitx a konjizzjoni ta' l-ewwel Qorti kif suppost u lanqas* del resto *jidher li dak li talbet il-kontr-parti konvenuta ghal fini ta' sottomissjonijiet minn naha taghha ma tressqu quddiemha,*u dana *ifisser mhux biss li l-atti tal-kawza kienu monki imma li lanqas biss ma jista' jinghad li, fic-cirkustanzi, kienu tabilhaqq maghluqin[7].*

Il-fatt li d-dritt ta' l-atturi li jipprocedu b'azzjoni fil-konfront tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali tnissel fihom bis-sahha tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell johrog car minn dak osservat minn dik l-istess Qorti fl-imsemmija sentenza: *l-appellanti talbu bhala l-ewwel aggravju li in vista ta' dak li gie espost minnhom fir-rikors ta' l-appell, ghandu allura jissejjah fil-kawza r-Registratur tal-Qorti "halli jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu". Ghalkemm huwa minnu li a tenur ta' l-artiklu 63 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta r-Registratur huwa tenut responsabbli ghat-telf, mutilazzjoni jew tibdil f'att jew dokument ipprezentat fir-Registru, kif ukoll ghad-dewmien fit-tmexxija ta' dak l-att jew dokument, madanakollu xorta wahda ma jidhirlhiex li tali responsabilità, talvolta ppruvata skond il-ligi, ghandha tigi mdahhla fil-kawza meritu ta' dana l-appell. Fi kliem iehor ghalkemm* <u>prima facie</u> *l-appellanti jidhru li ghandhom bazi li jagixxu kontra r-Registratur, tali pretensjoni trid titressaq f'gudizzju separat minn dak in ezami. Isegwi li t-talba ta' l-appellanti ghas-sejha fil-kawza in ezami ma ghandhiex tigi milqugha, b'dana però li qeghda tigi espressament rizervata lill-appellanti kull azzjoni li huma jidhrilhom opportun u li jridu jmexxu kontra r-Registratur tal-Qrati.[8]*

Stabbilita d-data meta tnissel fl-atturi d-dritt li jagixxu fil-konfront tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, jehtieg jigi determinat jekk l-istess atturi interrompewx it-terminu preskrittiv ta' sentejn dekoribbli fil-konfront taghhom.

Mill-atti processwali jirrizulta li in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru 2002 l-atturi

[7] Pagna 9 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 89 tal-process.
[8] Pagna 9 u 10 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell a fol. 89 tal-process.

pprezentaw ittra ufficjali kontra r-Registratur tal-Qrati fit-**3 ta' Dicembru 2004** u din giet notifikata lir-Registratur tal-Qrati fit-**3 ta' Dicembru 2004** u lill-Avukat Generali fid-**9 ta' Dicembru 2004**[9]. Din l-ittra ufficjali giet segwita bl-azzjoni odjerna li giet intavolata fid-**29 ta' Novembru 2006** u notifikata lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali fis-**7 ta' Dicembru 2006** u lill-Avukat Generali fit-**12 ta' Dicembru 2006**.

Minn dan johrog car ghalhekk li t-terminu preskrittiv ta' sentejn dekoribbli mis-6 ta' Dicembru 2002 gie debitament interrott mill-atturi u b'hekk l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif invece pretiz mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali qed tigi michuda ukoll.

Sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jonqos issa li jigi trattat il-meritu ta' l-azzjoni attrici, ossia t-talba ta' l-atturi sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallashom in liena ta' danni s-somma ta' Lm1,696.87 [ekwivalenti ghal €3,952.64] rapprezentanti l-ispejjez giudizzijarji minnhom inkorsi in konnessjoni ma' l-appell interpost mis-sentenza fl-ismijiet "Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt" Citaz. Nru. 1219/91, deciz fis-6 ta' Dicembru 2002.

L-atturi jippretendu dawn id-danni minghand ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, konsistenti fl-ispejjez giudizzjarji taghhom u ta' Joseph Gatt ghall-appell imsemmi u li kellhom jithallsu kollha mill-istess atturi, in bazi ghall-affermazzjoni li huma inkorrew dawn l-ispejjez intortament billi l-appell kellu jsir minhabba n-nuqqas u traskuragni grossolana ta' l-istess Registratur meta n-Nota ta' Kritika taghhom ma gietx debitament inserita fil-process bil-konsegwenza li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma hadet konjizzjoni la ta' l-istess Nota u lanqas tat-talba ta' l-atturi ghas-

[9] Dok. "IU" fol. 112 u 113 tal-process.

sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikunu jistghu jeskutu lill-Perit Tekniku.

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali jikkontendi li ebda danni ma huma dovuti lill-atturi ghaliex ghalkemm huma nghataw rimedju mill-Qorti ta' l-Appell, fis-sens illi is-sentenza tat-12 ta' April 2002 giet imhassra u l-atti processwali gew rinvijati lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, ma hadux vantagg minn tali rimedju billi naqsu milli jkomplu jsegwu l-kawza taghhom bil-konsegwenza li din giet dikjarata dezerta.

Biex jirnexxu fl-azzjoni minnhom istitwita kontra l-imsemmi Registratur ghandhom jippruvaw skond il-Ligi r-responsabilità effettiva tieghu ghall-fatt li huma inkorrew l-ammont ta' Lm1,696.87 [ekwivalenti ghal €3,952.64] konsistenti kif inghad fl-ispejjez giudizzjarji, kemm taghhom kif ukoll ta' Joseph Gatt, relattivi ghall-appell minnhom interpost mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April 2002.

Dan l-oneru probattiv ta' l-atturi jirrizulta mill-principju ormai ferm assodat in materia ta' danni li *min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*[10].

L-atturi jittentaw jaghmlu din il-prova tramite x-xhieda ferm dettaljata moghtija mill-Avukat Dottor Louis Vella u d-diversi dokumenti esebiti minnu.

Essenzjalment mill-provi ta' l-atturi jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fl-1991 l-Avukat Dottor Louis Vella u membri ohra tal-familja tieghu intavolaw proceduri giudizzjarji [Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt, Citaz. Nru. 1219/91] quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra Joseph Gatt dwar linji ta' konfini li kien hemm bejn

---

[10] Vide sentenza fl-ismijiet "Gerald Bugeja v. David Gatt" App. Civ. Nru. 1708/98 deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

proprjetajiet rispettivi taghhom in bazi ghall-pretensjoni li Gatt kien invada parti mill-proprjetà taghhom;

- F’dawk il-proceduri kienu gew nominati l-Avukat, illum Imhallef, Dottor Tonio Mallia bhala Perit Legali u l-kompjant Perit Arkitett Frederick Doublet bhala Perit Tekniku biex jirrelataw dwar il-meritu tal-kawza;
- Fir-Relazzjoni taghhom il-Perit Legali u l-Perit Tekniku rrelataw kontra it-tezi attrici u billi l-atturi hassew ruhhom aggravati bil-konkluzzjonijiet raggunti mill-imsemmija Periti talbu w ottjenew il-permess biex jipprezentaw Nota ta’ Kritika ghar-Rapport Peritali;
- In-Nota ta’ Kritika ta’ l-atturi giet ipprezentata entro t-terminu moghti mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u f’dik in-Nota l-atturi talbu wkoll is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li hassew il-htiega li jeskutu l-Perit Tekniku;
- Minkejja li giet ipprezentata n-Nota ta’ Kritika mill-atturi ghal xi raguni din ma gietx inserita fil-process u b’hekk il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma hadet konjizzjoni la tal-kritika ta’ l-atturi ghar-Rapport Peritali u lanqas tat-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jista’ jigi eskuss il-Perit Tekniku;
- B’sentenza pronuncjata fit-12 ta’ April 2002 il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili qatghet il-kawza billi filwaqt li qablet mal-konkluzzjonijiet tal-periti gudizzjarji, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet ta’ l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom;
- Dakinhar tas-sentenza l-atturi rrilevaw li n-Nota ta’ Kritika taghhom ghalkemm ipprezentata entro t-terminu ma kenitx inserita fil-process u b’hekk dik il-Qorti effettivament tat is-sentenza Taghha minghajr qabel ma qieset it-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex issir l-eskussjoni tal-Perit Tekniku u minghajr ma hadet konjizzjoni tan-Nota ta’ Kritika taghhom;
- Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ma setghetx taghmel mod iehor ghajr li wara li tat is-sentenza vverbalizzat li n-Nota ta’ Kritika li l-atturi kienu pprezentaw fit-8 ta’ Jannar 2002 ma kienetx giet inserita fil-process bir-rizultat li ma hadet ebda konjizzjoni Taghha;

- Billi l-atturi hassew ruhhom aggravati bid-decizjoni tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u partikolarment bil-fatt li nghatat decizjoni minghajr ma’ l-Qorti kellha quddiemha ghall-konsiderazzjoni Taghha n-Nota ta’ Kritika taghhom, huma interponew appell minn dik is-sentenza fejn talbu: (i) il-kjamata fil-kawza tar-Registratur tal-Qrati halli jirrispondi ghan-nuqqasijiet tieghu; (ii) li jigi ordnat lir-Registratur biex jottempera ruhu mal-ligi u jassigura li n-Nota ta’ Kritika ta’ l-atturi tigi inserita fil-process u jigi traskritt id-digriet tat-trasfuzjoni tal-gudizzju minnu fuq il-mejjet Pantaleone Vella ghal fuq is-sitt uliedu; (c) li s-sentenza appellata tigi annullata ghar-ragunijiet moghtija fir-Rikors ta’ l-Appell u l-atti jigu rinvijati lill-Ewwel Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tan-Nota ta’ Kritika ta’ l-atturi pprezentata fit-8 ta’ Jannar 2002 u sabiex l-atturi jinghataw l-opportunità jeskutu lill-Perit Tekniku skond il-Ligi; bl-ispejjez kollha ta’ l-appell a karigu tar-Registratur tal-Qrati;
- B’sentenza pronuncjata fis-6 ta’ Dicembru 2002 il-Qorti ta’ l-Appell cahdet l-ewwel talba ta’ l-atturi appellanti, laqghet it-tieni talba taghhom; u laqghet fl-ahharnett it-talba ghar-revoka u annullament tas-sentenza pronuncjata mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April 2002 u ordnat li l-atti tal-kawza jigu rinvijati quddiem il-Qorti ta’ Prim’ Istanza sabiex tiehu konjizzjoni tan-Nota ta’ Kritika ta’ l-atturi u tisma’ wkoll x’ghandu x’jghid dwar l-istess il-kontro-parti u, wara li tisma’ kull sottomissjoni ohra fir-rigward, tiddeciedi l-istess kawza skond il-Ligi;
- Dwar il-kap ta’ l-ispejjez il-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li *dan ghalissa jibqa’ pendenti u impregudikat sal-gudizzju li jrid jinghata fl-ewwel lok mill-Qorti ta’ l-ewwel grad*[11];
- Meta l-atti tal-kawza gew rinvijati quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili l-Imhallef David Scicluna astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza billi kien già ppronunzja ruhu fuq il-meritu, l-Imhallef Lino Farrugia Sacco, quddiem min giet ri-assenjata l-kawza, astjena wkoll billi fiz-zmien kien konsulent legali tas-socjetà Scicluna’s Estates illi kienet involuta f’dawk il-proceduri, u finalment il-kawza regghet giet ri-assenjata quddiem l-Imhallef Gino Camilleri;

[11] Pagna 10 tas-sentenza appellata, a tergo ta’ fol.89 tal-process.

- Ghalkemm il-kawza giet debitament rinvijata, minhabba diversi ragunijiet l-atturi ma komplewx isegwu l-azzjoni taghhom u hallewha tmur dezerta[12] wara li fis-6 ta' Mejju 2004 giet differita *sine die*;
- In segwitu ghal dan l-atturi kellhom ihallsu l-ispejjez tal-kawza inkorsi minn Joseph Gatt, inluzi l-ispejjez ta' l-appell.

Ghalkemm din il-Qorti tapprezza l-iment ta' l-atturi ghall-fatt illi b'nuqqas da parte tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali n-Nota ta' Kritika taghhom ma gietx debitament inserita fl-atti processwali tal-kawza "Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt" Citaz. Nru. 1219/91 qabel ma giet ippronuncjata s-sentenza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 2002, ma taqbilx maghhom però li kien dan in-nuqqas tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali li finalment wassal biex baghtew l-ispejjez kollha marbuta mal-proceduri, inkluzi u b'mod partikolari dawk relattivi ghall-appell interpost mis-sentenza tat-12 ta' April 2002.

Mill-atti processwali jirrizulta car li bis-sentenza Taghha l-Qorti ta' l-Appell ma iddeterminatx il-kwistjoni dwar kif u minn min kellhom jigu sopportati l-ispejjez relattivi ghall-appell intavolat quddiemHa. In effetti f'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell semplicement ippronuncjat ruhha fis-sens li fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjez *dan ghalissa jibqa' pendenti u impregudikat sal-gudizzju li jrid jinghata fl-ewwel lok mill-Qorti ta' l-ewwel grad*.

Minn dan il-pronuncjament tal-Qorti ta' l-Appell johrog ferm evidenti li l-gudizzju li kellu jinghata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fir-rigward tal-proceduri fl-ismijiet "Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt" Citaz. Nru. 1219/91, una volta li l-atti ta' dawk il-proceduri jigu rinvijati quddiem dik il-Qorti, kien ferm importanti ghall-atturi mhux biss ghal dak li jirrigwarda l-meritu proprio tal-proceduri infishom imma wkoll ghad-determinazzjoni dwar kif u minn min kellhom jigu sopportati l-ispejjez giudizzjarji relattivi ghall-appell minn interpost mis-sentenza tat-12 ta' April 2002.

---

[12] Giet dikjara dezerta fil-5 ta' Novembru 2004.

Minkejja dan però una volta li gew rinvijati l-proceduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-atturi flok ma segwew l-azzjoni taghhom kif minnhom mistenni, hallew il-kawza tmur dezerta wara li thalliet *sine die* fis-6 ta' Mejju 2004.

Ir-raguni moghtija mill-Avukat Dottor Louis Vella ghal din is-scelta ta' l-atturi hi li *f'dan iz-zmien* – u cioè sakemm il-kawza giet assenjata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Gino Camilleri – *bejn ghax kellna xi clash mat-tfal ta' hija mejjet u bejn cirkostanzi ohra ghax konna nafu illi fi kwalunkwe kaz l-ewwel sentenza kienet kontra taghna, ddecidejna illi ma nsegwux aktar il-kawza. Sakemm fl-ahhar marret Sine Die u giet dezerta fil-5 ta' Novembru 2004*[13]*.*

Minn dan jidher car li d-decizjoni li hadu l-atturi li ma jsegwux iktar il-kawza minnhom istitwita fil-konfront ta' Joseph Gatt kienet wahda volontarja bbazata principalment fuq kwistjonijiet li inqalghu bejniethom u l-konsapevolezza li x'aktarx l-ezitu finali dwar il-meritu kien fi kwalunkwe kaz ser ikun kontra t-tezi taghhom.

Kien b'konsegwenza ta' din id-decizjoni taghhom illi l-atturi finalment kellhom ibaghtu l-ispejjez giudizzjarji marbuta mal-proceduri istitwita kontra Joseph Gatt quddiem il-Qrati Superjuri, inkluzi dawk relattivi ghall-appell intavolat mis-sentenza tat-12 ta' April 2002, u rrendew ruhhom responsabbli verso l-istess Joseph Gatt ghall-hlas ta' l-ispejjez giudizzjarji inkorsi minnu, inkluzi dawk relattivi ghall-appell imsemmi.

Ghalhekk, il-kawza li realment wasslet biex l-atturi ibaghtu l-ispejjez giudizzjarji kollha, kemm taghhom kif ukoll ta' Joseph Gatt, relattivi ghall-appell intavolat mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' April 2002, ma kienx in-nuqqas li in-Nota ta' Kritika taghhom tigi inserita fl-atti processwali tal-kawza fl-ismijiet "Avukat Dottor Louis Vella et noe v. Joseph Gatt" Citaz. Nru. 1219/91 qabel ma

[13] Xhieda ta' l-Avukat Dottor Louis Vella moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2008, fol. 30 tal-process.

inghatat is-sentenza tat-12 ta’ April 2002 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, izda kienet proprio d-decizjoni taghhom li ma jkomplux isegwu iktar dawk il-proceduri u hallewhom imorru dezerti wara li thallew *sine die* fis-6 ta’ Mejju 2004.

Ghal dawn ir-ragunijiet hija fondata r-raba’ eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali u konsegwentement it-talba attrici kif diretta fil-konfront tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma tistax tigi milqugha.

Permezz tal-hames eccezzjoni tieghu d-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, jitlob li l-atturi jigu kkudannati jhallsu spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati a tenur ta’ l-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi skond hu l-azzjoni attrici hija frivola u vessatorja.

Ghalkemm fil-fehma ta’ din il-Qorti l-atturi ma ghandhomx ragun jippretendu d-danni minghand ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, ma hijiex affattu konvinta li huma agixxew b’mod frivolu jew vissatorju fil-konfront ta’ l-istess Registratur.

In effetti ghalkemm it-talba ta’ l-atturi ghall-hlas tad-danni qed tigi michuda, fil-kaz in ezami ma jissussistux l-estremi biex din il-Qorti tikkundanna lill-istess atturi jhallsu spejjez addizzjonali lir-Registratur tal-Qrati a tenur ta’ l-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif pretiz mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.

Ghalhekk il-hames eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali qed tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok, filwaqt li a tenur tal-Artikolu 175 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna korrezzjoni fin-nomenklatura tal-konvenut Registratur, Qrati Civili u Tribunali, fis-sens illi kull fejn fl-atti processwali jidhru il-kliem “Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali” dawn jigu sostitwiti bil-kliem “Registratur, Qrati Civili u Tribunali”, tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali; tichad ukoll it-tieni w it-tielet eccezzjonijiet tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali; tichad il-hames eccezzjoni

tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali; u filwaqt li tilqa’ r-raba’ eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali, tichad it-talba ta’ l-atturi.

In kwantu rigwarda l-ispejjez giudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri, fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez giudizzjarji taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------